MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 672/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Christopher Zarb**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elfejn, mitejn u tnax-il Euro u hamsin centezmu (€2,212.50), disa’ mija u disgha u erbghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm949.83), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1015247 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur ta’ bejn Settembru, 2007 u Frar, 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Gunju, 2008 dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u tnax-il Euro u hamsin centezmu (€2,212.50), disa' mija u disgha u erbghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm949.83), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------